*Tagħrif dwar*

# IL-KAPPELLA DDEDIKATA LIL SAN LEONARDU ABBATI FIL-MOSTA

***Kitba ta' Joseph Carbone***

Il-qima lejn San Anard hija ferm antika, dan għaliex San Anard huwa protettur tan-nisa li ser isiru ommijiet, kif ukoll protettur ta' l-ilsiera u l-kalzrati. Għalhekk peress li sekli ilu kien hawn ħafna ħbit mill-kursari d-devozzjoni minn dejjem kienet kbira kemm lejn il-Madonna kif ukoll lejn San Anard.



Minbarra l-parroċċa tagħna ta' Ħal Kirkop, li hija l-unika waħda ddedikata lil San Leonardu, isibu diversi altari ġo knejjes oħra, kif ukoll kappelli madwar Malta u Għawdex li juru l-kult lejn dan il-qaddis patrun tagħna.

Ġewwa l-Mosta nsibu kappella ddedikata lil San Anard. Kappella miżmuma ferm sewwa u li fil-preżent jieħu ħsiebha ċertu Raymond Grech mill-Mosta li bl-inizjattiva ħabrieka tiegħu tiġi ċċelebrata b'ċerta pompa l-festa ta' San Anard f'kull l-ewwel Ħadd fuq is-6 ta' Novembru (l-festa proprja).

Għal ħafna Koppin din il-festa saret appuntament annwali, għalhekk xtaqna li nwasslu xi tagħrif fuq din il-kappella u l-festa tagħha, kif ukoll xi ftit storja ukoll. Jien tkellimt mas-Sur Raymond Grech li bil-paċenzja kollha għaddieli dak kollu li jaf fuqha.

Ftit passi 'l bogħod mill-knisja parrokkjali tal-Mosta, sewwa sew kif tħalli Pjazza Rotunda u tibda tiela' lejn il-Rabat, niltaqgħu ma' kappella ddedikata lil San Leonardu Abbati. Din il-knisja hija popolari ħafna ġol-Mosta, forsi l-aktar minħabba l-fatt li dari meta kien imut xi ħadd l-isptar, il-funeral tiegħu kien jibda minn din il-kappella.

Il-knisja li naraw illum inbniet fl-1658 mill-benefattriċi Bernarda Mangion imma qabel din il-knisja kien hemm oħra fl-istess post li tissemma fil-vista pastorali ta' Mons.

Pietru Dusina fl-1575. F'din il-knisja nsibu li hemm inkwadru wieħed kbir li tpitter fl-1640 minn Filippo Dingli. Dan juri lill-Madonna tal-Grazzji fil-għoli, fil-lemin hemm San Leonardu bil-katina u l-ktieb f'idu, u fuq ix-xellug hemm San Ġwann il-Battista u San Bernard Abbati. Isfel nett tal-kwadru hemm l-erwieħ tal-purgatorju. 'Il fuq mill-kwadru hemm skrizzjoni bil-Latin, *"CAPTIVORUM SALVATOR"*, li tfisser, "ĦELLIES TA' L-ILSIERA". Fiha altar wieħed, u fuq kull naħa tiegħu hemm żewġ niċeċ,waħda bl-istatwa ta' San Anard, li hija xogħol sabiħ ħafna fil-kartapesta, aktarx xogħol ta' Lecce, u l-oħra bl-istatwa ta' Sant'Antnin ta' Padova miġjuba minn Spanja. L-istatwa ta' San Anard kienet proprjetà tal-familja Sammut li joqogħdu biswit il-kappella. Fil-gwerra, id-dar tal-familja Sammut iġġarfet bil-balal iżda l-parti fejn kienet l-istatwa ta' San Anard ma ġralha xejn. B'ringrazzjament, il-familja għoġobha tirregala l-istatwa lil din il-kappella. Hemm statwa oħra sabiħa ferm xogħol ta' Lecce, li hija tal-Madonna ta' Pompej, imqiegħda f'niċċa tal-ġewż b'xogħol ta' skultura mill-ifjen. Fl-1907 kien sar kampnar ġdid lil din il-kappella bit-tħabrik tal-prokuratur Dun Karm Camilleri li tant ħadem u għamel tiżjin għal din il-knisja. Għad li f'dan il-kappella ma jsirx quddies kuljum xorta din tintuża kuljum għall-laqgħat tal-*Legion of Mary*, Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla u Neo Katekuminali. Il-festa ta' San Leonardu Abbati tiġi ċċelebrata ta' kull sena fl-ewwel ħadd fuq is-6 ta' Novembru. Qabel il-festa jkun hemm it-tridu bi tħejjija.

Il-pjazza ta' quddiem il-kappella hija wkoll imsemmija għal San Anard u għalhekk kif inhu xieraq ta' kull sena l-pjazza tintrama bi ftit tiżjin ukoll għall-okkażjoni.